# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.8

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.8 – Kemm kienu bil-għaqal!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu xi tfisser li taqdi u tħobb tassew.
2. Jagħtu ħarsa lejn il-ħajja ta' San Martin de Porres.
3. Jisiltu x'jistgħu jieħdu mill-ħajja ta' dan il-qaddis.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- PPp: *Ħabbew Tassew*
- Video Clip : *Don Bosco*
  https://www.youtube.com/watch?v=W7YNa0JYqro&spfreload=10
- Karta ta' taħriġ 2.7 (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



1. Ibda l-lezzjoni billi tikteb fuq l-IWB il-kelma KWALITAJIET. Stieden lit-tfal: "Ejjew nagħmlu lista tal-kwalitajiet li għandna li bihom nħobbu lil ħaddieħor : nisimgħu, inċedu, ngħinu, naqsmu..."
2. Ħalli lit-tfal jesprimu dak li jħossu u jispjegaw il-kwalità li jkunu semmew.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Stieden lit-tfal jaraw il-powerpoint *Ħabbew Tassew.*
2. Iddiskuti magħhom dak li jkunu raw.
3. Ħallihom jaraw il-vidjow fuq Don Bosco u wara ddiskutih magħhom.
4. Spjega kif dawn in-nies kollha ħadmu fost il-fqar. Min ħadem maż-żgħażagħ, min mat-tfal, min kien sinjur u għażel li jkun fqir, imma bħal Ġesù, għażlu ħajja ta' faqar biex jgħinu lill-batut u lill-minsi.
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.7. Spjega li ser jitkellmu fuq qaddis li ma kienx fil-powerpoint imma li kien iħobb tassew u għamel kemm felaħ biex jgħin lill-foqra. Aqra s-silta mogħtija dwar San Martin De Porres.
6. Iddiskuti liema jaħsbu li huma r-risposti t-tajbin ta' Attività 1.
7. Iddiskutu Attività 2 u agħti ċans lit-tfal li jpinġu l-istampi t-tajbin.
8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li biex insibu l-għajnuna rridu nuru dak li għandna bżonn.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù qalilna li kulma nagħmlu fost l-iżgħar minn dawn ħutu nkunu qegħdin nagħmlu miegħu.
2. San Martin kien fqir.
3. Kien iħobb ħafna lil Ġesù.
4. Hu waqqaf orfanatrofju għal dawk li m'għandhomx dar.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħtu kas tal-bżonnijiet tan-nies ta' madwarhom.
- Jifhmu li għandhom isibu ħbieb tajbin biex inkunu nistgħu ngħinu lill-oħrajn u huma jgħinu lilna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- PPp: Ħabbew Tassew



- Video Clip : Don Bosco
  https://www.youtube.com/watch?v=W7YNa0JYqro&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, għallimni biex ma ngħaddix quddiem xi ħadd li għandu bżonni u ma nagħtix kasu.

